

# Il-Ġurnal Ufficijali C 417 tal-Unjoni Ewropea



Volum 65

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

31 ta' Ottubru 2022

Werrej

### II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 417/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10904 — CVC / MATICMIND / SIO) (i)	1
2022/C 417/02	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10945 — GIP / MERIDIAM / SUEZ RECYCLING AND RECOVERY UK) (i)	2

### IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

#### Il-Kummissjoni Ewropea

2022/C 417/03	Rata tal-kambju tal-euro — It-28 ta' Ottubru 2022 .....	3
2022/C 417/04	Opinjoni tal-kumitat konsultattiv dwar il-fużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Jannar 2022 dwar Deċiżjoni fil-Każ M.10262 - META (FORMERLY FACEBOOK) / KUSTOMER — Laqgħa b'Awdjokonferenza – permezz ta' "Skype for Business" — Relatur: Spanja (i)	4
2022/C 417/05	Rapport Finali tal-Uffiċjal tas-Seduta — Il-Każ M.10262 - META (FORMERLY FACEBOOK) / KUSTOMER (i)	6
2022/C 417/06	Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Jannar 2022 li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (Il-Każ M.10262 — META (FORMERLY FACEBOOK) / KUSTOMER) (Notifikat bid-dokument numru C(2022) 409) (i)	8
2022/C 417/07	Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkti fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006) (i)	13

(i) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



2022/C 417/08	Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea .....	14
---------------	---	----

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2022/C 417/09	Avviż ta' informazzjoni tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità — Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru skedati (l') .....	15
---------------	---	----

---

V Avviżi

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 417/10	Żvelar tal-partijiet materjali tad-deċiżjoni ta' falliment u dikjarazzjoni ta' insolvenza fir-rigward tal-assi ta' Sberbank CZ, a.s., f'likwidazzjoni taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu — Stedina għal preżentazzjoni ta' talba — Termini li għandhom ikunu osservati — Stedina għal oppożizzjoni ta' talba — Termini li għandhom ikunu osservati .....	16
---------------	---	----

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 417/11	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ M.10934 – VINCI ENERGIES / KONTRON IT SERVICE COMPANIES) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (l') .....	18
2022/C 417/12	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10960 – EPPE / PZEM SUBSIDIARIES) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (l') .....	20

---

## Rettifika

2022/C 417/13	Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Awwissu 2011 li tistabbilixxi Grupp Espert tas-Suq tas-Sistemi tal-Ħlasijiet (ĠU C 253, 30.8.2011) .....	22
---------------	--	----

(l) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

*(Komunikazzjonijiet)***KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U  
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA****IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.10904 — CVC / MATICMIND / SIO)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*

(2022/C 417/01)

Fit 21 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jiipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħiġ in-numru 32022M10904. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liggi tal-Unjoni Ewropea.

---

¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.10945 — GIP / MERIDIAM / SUEZ RECYCLING AND RECOVERY UK)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 417/02)

Fit 24 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fil-Franċiż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċċi settorjali,
- fforma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32022M10945. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liggi tal-Unjoni Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

## IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĞENZJJI  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**Rata tal-kambju tal-euro<sup>(1)</sup>**

**It-28 ta' Ottubru 2022**

(2022/C 417/03)

**1 euro =**

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju	
USD	Dollaru Amerikan	0,9951	CAD Dollaru Kanadiż	1,3542
JPY	Yen Ġappuniż	146,79	HKD Dollaru ta' Hong Kong	7,8107
DKK	Krona Daniża	7,4423	NZD Dollaru tan-New Zealand	1,7151
GBP	Lira Sterlina	0,86120	SGD Dollaru tas-Singapor	1,4055
SEK	Krona Żvediża	10,9403	KRW Won tal-Korea t'Isfel	1 417,70
CHF	Frank Żvizzera	0,9920	ZAR Rand ta' l-Afrika t'Isfel	18,0530
ISK	Krona Iżlandiża	143,30	CNY Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,2159
NOK	Krona Norveġiża	10,2695	HRK Kuna Kroata	7,5320
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR Rupiah Indoneżjan	15 481,88
CZK	Krona Ċeka	24,465	MYR Ringgit Malażjan	4,6994
HUF	Forint Ungeriż	411,70	PHP Peso Filippin	57,739
PLN	Zloty Pollakk	4,7275	RUB Rouble Russu	
RON	Leu Rumen	4,9189	THB Baht Tajlandiż	37,724
TRY	Lira Turka	18,5219	BRL Real Brażiljan	5,3270
AUD	Dollaru Awstraljan	1,5511	MXN Peso Messikan	19,7718
			INR Rupi Indjan	82,0565

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Opinjoni tal-kumitat konsultattiv dwar il-fużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Jannar 2022 dwar Deċiżjoni fil-Każ M.10262 - META (FORMERLY FACEBOOK) / KUSTOMER**

**Laqgħa b'Awdjokonferenza – permezz ta' "Skype for Business"**

**Relatur: Spanja**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 417/04)

### **Konċentrazzjoni**

- Il-Kumitat Konsultattiv (16-il Stat Membru) jaqbel mal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata tikkostitwixxi f'konċentrazzjoni fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet") (¹).

### **Definizzjoni tas-suq**

*Definizzjoni tas-suq tal-prodott*

- Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjonijiet li għamlet il-Kummissjoni fl-abbozz tad-Deċiżjoni fir-rigward tad-definizzjoni tas-swieq tal-prodotti rilevanti għal:
  - Il-provvista tas-software CRM (jaqblu 16-il Stat Membru);
  - Il-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjoni B2C (jaqblu 16-il Stat Membru);
  - Il-provvista ta' servizzi online tar-reklamar (jaqblu 15-il Stat Membru. Jastenji Stat Membru wieħed).

*Definizzjoni tas-suq ġeografiku*

- Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjonijiet li għamlet il-Kummissjoni fl-abbozz tad-Deċiżjoni fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq ġeografiku relevanti għas-swieq tal-prodotti li ġejjin għal:
  - Il-provvista tas-software CRM (jiġifieri mill-inqas fiż-ŻEE kollha, jekk mhux madwar id-dinja) (jaqblu 16-il Stat Membru);
  - Il-provvista ta' servizzi ta' komunikazzjoni B2C (jiġifieri mill-inqas madwar iż-ŻEE, jekk mhux madwar id-dinja) (jaqblu 16-il Stat Membru);
  - Il-provvista ta' reklamar online għall-wiri (jiġifieri jew nazzjonali jew inkella wara fruntieri lingwistiċi fiż-ŻEE (jaqblu 15-il Stat Membru. Jastenji Stat Membru wieħed).

### **Il-valutazzjoni kompetittiva**

- Il-Kumitat Konsultattiv (16-il Stat Membru) jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata x'aktarx (u anki bi probabbiltà kbira) timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, bħala riżultat tal-effetti vertikali mhux koordinati li jirriżultaw mill-eskużjoni immirata tal-input tal-fornituri tas-software CRM ikkawżata minn restrizzjoni jew degradazzjoni tal-aċċess tagħhom għall-kanali ta' komunikazzjoni B2C ta' Meta (li qabel kienet Facebook).
- Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata x'aktarx li ma xxekkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, bħala riżultat tal-effetti orizzontali mhux koordinati li jirriżultaw mill-kombinazzjoni tal-bażżejjiet tad-data ta' Meta u Kustomer u l-kapaċċajiet ta' ġbir ta' data għall-użu fil-provvista ta' reklamar għall-wiri online (jiġifieri billi tissahħħah il-pożizzjoni fis-suq ta' Meta (li qabel kienet Facebook)). Jaqblu 14-il Stat Membru. Jastjenu żewġ Stati Membri.

¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

6. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni notifikata x'aktarx li ma xxekkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva, bħala riżultat tal-effetti ta' konglomerat li jirriżultaw minn kwalunkwe raggruppament ta' reklamar għall-wiri online u software CRM mill-entità fuża. Jaqblu 14-il Stat Membru. Jastjenu żewġ Stati Membri.

### **Impenji**

7. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-Impenn dwar Aċċess għall-Web API kif offrut mill-Parti Notifikanti fl-20 ta' Diċembru 2021 jneħħi t-tħassib dwar l-esklużjoni ta' dħul ta' fornituri ta' software CRM ikkawża mir-restrizzjoni jew mid-degradazzjoni tal-aċċess tagħhom għall-kanali tal-komunikazzjoni B2C ta' Meta (li qabel kienet Facebook). Jaqblu 14-il Stat Membru. Jastjenu żewġ Stati Membri.
8. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li, soġġett għall-konformità sħiħa mal-impenji finali offruti mill-Parti Notifikanti fl-20 ta' Diċembru 2021, it-tranżazzjoni notifikata mhux probabbli li tfixkel b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew fxi parti sostanzjali minnu. Jaqblu 13-il Stat Membru. Jastjenu tliet Stati Membri.

### **Il-kompatibbiltà mas-suq intern u l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea**

9. Il-Kumitat Konsultattiv jaqbel mal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni notifikata trid għaldaqstant tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea<sup>(2)</sup> f'konformità mal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Jaqblu 13-il Stat Membru. Jastejnu tliet Stati Membri.

---

<sup>(2)</sup> ĠU L 1, 3.1.1994, p.3.

**Rapport Finali tal-Uffiċċjal tas-Seduta (¹)****Il-Każ M.10262 – META (FORMERLY FACEBOOK) / KUSTOMER**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 417/05)

1. Fil-25 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta, li permezz tagħha Meta Platforms, Inc., li qabel kienet Facebook, Inc. ("Meta (li qabel kienet Facebook)" jew "Facebook") (²) takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (³) ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet"), il-kontroll esklużiv ta' Kustomer, Inc. ("Kustomer") (it-Tranżazzjoni Proposta"). Għall-fini ta' dan ir-rapport, Meta (li qabel kienet Facebook) u Kustomer flimkien jissejħu "il-Partijiet".

2. Fit-2 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni biex tibda proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, billi l-investigazzjoni tal-ewwel fażi tal-Kummissjoni ħolqot dubji serji dwar il-kompatibbiltà tat-Tranżazzjoni Proposta mas-suq intern.

3. Fit-3 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni ħarġet deċiżjoni lil Facebook skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, li tirrikjedi li Facebook tipprovdi ċerta informazzjoni sa mhux aktar tard mill-10 ta' Awwissu 2021.

4. Fis-6 ta' Awwissu 2021, wara talba formali minn Facebook bid-data tal-5 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni estendiet il-perjodu ta' żmien skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet stabbilit għall-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet fir-rigward tat-Tranżazzjoni Proposta b'ħamest ijiem ta' xogħol, kif mitlub, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tal-istess Regolament.

5. Fl-24 ta' Awwissu 2021, bi ftehim ma' Meta (li qabel kienet Facebook), il-Kummissjoni estendiet il-perjodu għat-teħid ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet b'għaxart ijiem ta' xogħol fkonformità mal-Artikolu 10(3), it-tieni subparagrafu, it-tielet sentenza tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

6. Fit-18 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġeżżonijiet indirizzata lil Facebook (id-DO). Id-DO ġiet innotifikata formalment lil Facebook fl-istess jum u Facebook ingħatat skadenza biex tippreżenta l-kummenti tagħha sat-3 ta' Novembru 2021. Fid-19 ta' Ottubru 2021, Kustomer ġiet infurmata wkoll bl-adozzjoni tad-DO u offriert l-opportunità li titlob verżjoni mhux kufidenzjali, jekk trid tippreżenta kummenti (separati) skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 (⁴).

7. Fid-DO, il-Kummissjoni waslet għall-fehma preliminary li huwa probabbli, u hemm saħansitra probabbiltà qawwija, li t-Tranżazzjoni Proposta timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-sens tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Dan ikun ir-riżultat ta' effetti vertikali mhux koordinati fuq is-suq taż-ŻEE jew madwar id-dinja għal software ta' ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-klijent (customer relationship management, "CRM"), kif ukoll fuq is-suq usa' tas-software CRM b'mod ġenerali, u segmenti possibbli ta' kull suq bħal dan.

8. Fid-19 ta' Ottubru 2021, Facebook kisbet aċċess għad-dokumenti aċċessibbli fil-fajl tal-każ tal-Kummissjoni. L-aċċess sussegħenti għall-fajl ġie pprovdut fil-21 ta' Ottubru 2021, fid-29 ta' Ottubru 2021, fis-6 ta' Diċembru 2021, fit-8 ta' Diċembru 2021 u fl-10 ta' Diċembru 2021.

(¹) Skont l-Artikoli 16 u 17 tad-Deċiżjoni 2011/695/UE tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-funzjoni u t-termini ta' referenza tal-uffiċċjal tas-seduta fċerti proċedimenti dwar il-kompetizzjoni (ĠU L 275, 20.10.2011, p. 29) ("id-Deċiżjoni 2011/695/UE").

(²) Fit-28 ta' Ottubru 2021, Facebook, Inc. biddlet isimha għal Meta Platforms, Inc.

(³) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjoni bejn impriżzi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).

(⁴) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjoni bejn l-impriżzi (ĠU L 133, 30.4.2004, p.1).

9. Jien ma rċevejt l-ebda ilment jew talba ulterjuri mingħand il-Partijiet rigward l-aċċess għall-fajl.
10. Fit-3 ta' Novembru 2021, Meta (li qabel kienet Facebook) wieġbet għad-DO. Il-Partijiet ma talbux seduta orali formali.
11. Fl-24 ta' Novembru 2021, Meta (li qabel kienet Facebook) ppreżentat impenji f'konformità mal-Artikolu 8(2) u 10(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, bil-ħsieb li t-Tranżazzjoni Proposta ssir kompatibbli mas-suq intern u l-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE. Fis-26 ta' Novembru 2021 il-Kummissjoni nediet eżami tas-suq dwar dawn l-impenji.
12. Fit-3 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni indirizzat ittra tal-fatti lil Meta (li qabel kienet Facebook), fejn indikat elementi fattwali addizzjonal b'appoġġ għall-konklużjonijiet preliminari milħuqa fid-DO. Xi wħud minn dawn kienu digħà preżenti fil-fajl fiż-żmien tad-DO, filwaqt li oħrajn inkisbu mill-Kummissjoni biss wara l-adozzjoni tad-DO. Wara analiżi ulterjuri tal-fajl, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn l-elementi kienu potenzjalment rilevanti biex jissostanzjaw id-deċiżjoni finali tagħha.
13. Fit-13 ta' Diċembru 2021, Meta (li qabel kienet Facebook) ippreżentat risposta bil-miktub għall-ittra li tesponi l-fatti.
14. Fis-17 ta' Diċembru 2021, bi ftehim ma' Meta (li qabel kienet Facebook), il-Kummissjoni estendiet il-perjodu għat-tiehi ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 8 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet b'ħamest ijiem ta' xogħol f'konformità mal-Artikolu 10(3), it-tieni subparagraphu, it-tielet sentenza tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.
15. Fl-20 ta' Diċembru 2021, wara li rċeviet feedback mill-Kummissjoni dwar l-impenji ppreżentati qabel, Meta (li qabel kienet Facebook) ippreżentat impenji riveduti u finali, f'konformità mal-Artikolu 8(2) u 10(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, bil-ħsieb li t-Tranżazzjoni Proposta ssir kompatibbli mas-suq intern u l-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (l-“Impenji Finali”).
16. L-abbozz ta' deċiżjoni jiddikjara t-Tranżazzjoni Proposta kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-ŻEE, bil-kundizzjoni li jkun hemm konformità sħiħa mal-Impenji Finali.
17. Irrivedejt l-abbozz tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 16(1) tad-Deċiżjoni 2011/695/UE u kkonkludejt li dan jittratta biss l-oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-Partijiet ingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom.
18. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nikku nisdra li f'dan il-każ, l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet proċedurali ġie rispettaw.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Jannar 2020.

Dorothe DALHEIMER

## Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tas-27 ta' Jannar 2022

**li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

**(Il-Każ M.10262 — META (FORMERLY FACEBOOK) / KUSTOMER) (Notifikat bid-dokument numru C(2022) 409)**

**(il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 417/06)

**Fis-27 ta' Jannar 2022 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' fużjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżzi (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa, hija disponibbli fl-ilsien awtentiku tal-każ fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej: [http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?clear=1&policy\\_area\\_id=2](http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm?clear=1&policy_area_id=2)**

### 1. INTRODUZZJONI

- (1) Fil-25 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet li permezz tagħha Meta Platforms, Inc., li qabel kienet Facebook, Inc. ("Meta" jew "Facebook" jew il-"Parti Notifikanti", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll shiħi ta' Kustomer, Inc. ("Kustomer", l-Istati Uniti tal-Amerika) (flimkien il-"Partijiet" (it- Tranżazzjoni").
- (2) B'Deċiżjoni bid-data tat-2 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni sabet li t-Tranżazzjoni proposta ġolqot dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u bdiet proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet (id-Deċiżjoni tal-Artikolu 6(1)(c)).
- (3) Fit-18 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet fejn waslet għall-fehma preliminari li huwa probabbli, u saħansitra hemm probabbiltà qawwija, li t-Tranżazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva f'parti sostanzjali tas-suq intern (id-DO").
- (4) Fl-24 ta' Novembru 2021, il-Parti Notifikanti ppreżentat impenji biex tittratta t-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni (l- "Impenji Inizjali"). Wara l-eżami tas-suq, il-Parti Notifikanti ppreżentat sett finali ta' impenji fl-20 ta' Diċembru 2021 (l- "Impenji Finali").
- (5) Saret konsultazzjoni mal-Istati Membri dwar id-Deċiżjoni waqt il-laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Konċentrazzjonijiet fl-14 ta' Jannar 2022, li ta' opinjoni favorevoli. L-Uffiċċjal tas-Seduta tat-l-opinjoni favorevoli tagħha dwar il-proċedimenti fir-rapport tiegħu li ġie ppreżentat fis-17 ta' Jannar 2022.

### 2. SOMMARJU

- (6) L-investigazzjoni tas-suq fil-Fażi II żvelat li t-Tranżazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern fir-rigward tas-suq mifrux maż-ŻEE kollha, jekk mhux madwar id-dinja, għas-software CRM (jew segment potenzjali tiegħu).
- (7) Biex tittratta t-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni fis-suq tas-software CRM, il-Parti Notifikanti ppreżentat impenji. L-Impenji Finali jittrattaw it-tħassib tal-Kummissjoni.

¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

- (8) Soġġett għal konformità sħiħa mal-kundizzjonijiet u l-obbligi stabbiliti fl-Impenji Finali, it-Tranżazzjoni hija ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-ŻEE u għalhekk, fis-27 ta' Jannar 2022 ġiet adottata deċiżjoni ta' approvazzjoni skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

### 3. IS-SWIEQ RILEVANTI

- (9) Id-Deċiżjoni tidentifika s-swieq rilevanti li ġejjin:
- (a) Is-software CRM, u s-segment potenzjali tas-servizz tal-klijenti u l-appoġġ tas-software CRM, li t-tnejn huma potenzjalment segmentati aktar fuq il-bażi ta' (i) il-mod ta' skjerament, (ii) id-daqs tal-klijent tan-negozju, u (iii) is-settur tal-industrija li fih huma attivi l-klijenti kummerċjali. Il-Kummissjoni sabet li t-Tranżazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva f'dan is-suq irrisspettivament minn tali segmentazzjoni potenzjali. Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku huwa mill-anqas miflurx maż-ŻEE kollha jekk mhux mad-din ja kollha.
  - (b) Servizzi ta' komunikazzjoni min-negozju għall-konsumatur (business-to-consumer, "B2C"), potenzjalment segmentati aktar mas-suq għal servizzi ta' komunikazzjoni asinkronici B2C u s-suq saħansitra aktar ristrett għal servizzi ta' messaġġi B2C over-the-top ("OTT"). Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku huwa mill-anqas miflurx maż-ŻEE kollha jekk mhux mad-din ja kollha.
  - (c) Reklamar fuq il-wiri online, potenzjalment segmentat aktar minn (i) networks on-/off-social, (ii) reklami vidjo/mhux vidjo, u (iii) mobile/desktop (jew kombinazzjonijiet possibbli ta' dawn is-segmenti). L-ambitu ġeografiku huwa jew nazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni jew isegwi fruntieri lingwistiċi fiż-ŻEE.

### 4. VALUTAZZJONI KOMPETITTIVA

- (10) Il-Kummissjoni vvalutat l-effetti vertikali tat-Tranżazzjoni fir-rigward tal-possibbiltà ta' eskużjoni mill-aċċess għall-APIs tal-kanali ta' messaġġi ta' Meta (li qabel kienet Facebook) upstream għad-detriment tal-fornituri kompetituri tas-software CRM downstream.
- (11) Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat l-effetti orizzontali tat-Tranżazzjoni fuq il-bażi jiet tad-data (u l-kapaċitajiet tal-ġbir tad-data), jiġifieri Meta (li qabel kienet Facebook) bħala sors ta' data tal-utent għall-użu possibbli fis-servizzi ta' reklamar għall-wiri online. Apparti dan, ma hemm l-ebda suq affettwat b'mod orizzontali li jirriżulta mit-Tranżazzjoni.
- (12) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni vvalutat l-effetti ta' konglomerat tat-Tranżazzjoni fir-rigward tal-ingranaġġ tal-pożizzjoni ta' Meta (li qabel kienet Facebook) fis-suq tar-reklamar għall-wiri online fis-suq tas-CRM.

#### 4.1. Effetti vertikali

- 4.1.1. Esklużjoni tal-aċċess għall-APIs għall-kanali ta' messaġġi ta' Meta (li qabel kienet Facebook) għad-detriment tal-fornituri kompetituri tas-software CRM (eskużjoni tal-input)
- (13) Il-Kummissjoni tqis, fuq il-bażi tar-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq, li Meta (li qabel kienet Facebook) x'aktarx li jkollha l-kapaċità li tinvolfi ruħha f'eskużjoni tal-input tal-kanali ta' messaġġi B2C tagħha lil fornituri kompetituri tas-software CRM. L-ewwel nett, l-aċċess tal-API għall-kanali ta' messaġġi OTT B2C huwa input importanti għall-fornituri tas-software CRM (u l-klijenti kummerċjali tagħhom). It-tieni nett, Meta (li qabel kienet Facebook) għandha saħħa fis-suq fis-suq tal-komunikazzjonijiet B2C (u segmenti potenzjali tiegħu). It-tielet nett, Meta (li qabel kienet Facebook) għandha l-kapaċità - kemm teknikament kif ukoll kuntrattwalment - li tirrestrinġi jew tiddegrada l-aċċess tal-API għall-kanali ta' messaġġi tagħha, inkluża l-kapaċità li timmira tali strateġija ta' eskużjoni lejn ir-rivali mill-qrib ta' Kustomer.
- (14) Barra minn hekk, fuq il-bażi tar-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni tqis li l-entità fuża x'aktarx ikollha l-inċentiv li tinvolfi ruħha f'eskużjoni mmirata ta' dħul, billi tirrestrinġi jew tiddegrada l-aċċess tal-API għall-kanali ta' messaġġi B2C tagħha għal-ċerti fornituri ta' software CRM. L-ewwel nett, il-għwadjanji għall-entità fuża minn strateġija ta' eskużjoni jidhru numerużi, diversi u sinifikanti. It-tieni nett, it-telf għall-entità fuża minn strateġija ta' eskużjoni jista' jkun limitat sa grad suffiċjenti mill-entità fuża, billi jiġu mmirati l-kompetituri mill-qrib ta' Kustomer u permezz ta' fatturi aggravanti ulterjuri.

- (15) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tqis li huwa probabbli li strateġija mmirata ta' eskużjoni tal-input li tirrestrinġi jew tiddegrada l-aċċess għall-API jkollha effetti negattivi sinifikanti fuq il-kompetizzjoni fis-suq tas-software CRM (jew segmenti potenzjali), b'mod partikolari fid-dawl tal-importanza tal-kanali ta' messaġġi ta' Meta (li qabel kienet Facebook) bħala input fis-software CRM. L-impatt jista' jkun partikolarmen akut billi d-ditti potenzjalment eskużi għandhom rwol importanti biżżejjed fil-proċess kompetittiv (speċjalment bħala muturi tal-innovazzjoni). Dan it-tnejja fil-kompetizzjoni jista' jirriżulta fi prezziżiet oħġla, kwalità aktar baxxa u inqas innovazzjoni għall-klijenti tan-negozju, li min-naħħa tagħhom jistgħu jiġi mghoddja lill-konsumaturi.
- (16) Għalhekk, fid-dawl tar-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq u tal-evidenza kollha disponibbli għaliha, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li huwa probabbli, u saħansitra hemm probabbiltà qawwija, li t-Tranżazzjoni timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva bħala riżultat ta' effetti vertikali mhux koordinati li jirriżultaw minn rabtiet vertikali bejn is-suq upstream għal servizzi ta' komunikazzjoni B2C (u segmenti potenzjali tagħhom) u s-suq downstream għas-software CRM (u segmenti potenzjali tiegħu).

#### 4.2. Effetti orizzontali

##### 4.2.1. Ostakli akbar għad-dħul u l-espansjoni bħala riżultat tal-akkumulazzjoni tad-data

- (17) Filwaqt li t-Tranżazzjoni ma tagħti lok għall-ebda suq affettwat orizzontalment f'sens tradizzjonal, il-Kummissjoni tqis li, wara t-Tranżazzjoni, id-disponibbiltà ta' Meta (li qabel kienet Facebook) ta' *data* kummerċjalment sfruttabbli, li tista' tinkiseb mill-aktivitajiet ta' Kustomer, tiżdied.
- (18) Il-Kummissjoni eżaminat jekk din l-akkumulazzjoni ta' *data* tistax twassal għal ostakli akbar għad-dħul u l-espansjoni fis-suq tar-reklamar għall-wiri online jew kwalunkwe segment tiegħu.
- (19) Fuq il-bażi tal-approċċ adottat f'Apple/Shazam (⁹) u Google/Fitbit (⁹), il-Kummissjoni tinnota li hemm ġerti limitazzjonijiet regolatorji għall-prevenzjoni tal-kombinazzjoni illegali ta' settijiet tad-data bħar-regoli applikabbi tal-UE li jittrattaw il-protezzjoni tad-data personali, u b'mod partikolari għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (il-“GDPR”) u r-regoli tal-Unjoni li jittrattaw il-privatezza u l-protezzjoni tal-kunfidenzialità tal-komunikazzjonijiet, b'mod partikolari d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (id-“Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika”).
- (20) Fir-rigward tas-suq tas-servizzi ta' reklamar għall-wiri online, il-Kummissjoni ssostni l-konklużjoni tagħha, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Artikolu 6(1)(c), li Meta (li qabel kienet Facebook) għandha mill-inqas saħħa sinifikanti fis-suq u tqis li Meta (li qabel kienet Facebook) digħi kellha qabel il-kapaċitajiet tal-ġbir tad-data tat-Tranżazzjoni jipprovd vanta għi sinifikanti għad-data.
- (21) Il-Kummissjoni tosserva li l-akkwist ta' Kustomer ma jwassalx direttament għal żieda fis-sehem mis-suq ta' Meta (li qabel kienet Facebook) fis-suq tas-servizzi ta' reklamar għall-wiri online jew kwalunkwe segment minnhom, billi Kustomer innifishha mhijiex attiva f'dan is-suq jew fxi wieħed mis-segmenti tiegħu. Barra minn hekk, Kustomer ġeneralment ma jkollhi / ma tikkontrollax id-data maħżuna fis-sistemi ta' Kustomer. Kwalunkwe fornitur ta' CRM għalhekk ikollu bżonn jikseb ftehim / struzzjoni mill-klijenti kummerċjali tiegħu qabel ma jkun jista' juża kwalunkwe *data* tiegħu.
- (22) Fir-rigward tal-akkumulazzjoni potenzjali tad-data, il-Kummissjoni tqis li Meta (li qabel kienet Facebook) sejkollha l-kapaċità li theggex lill-klijenti kummerċjali biex jaqblu li jikkondividu d-data. Fir-rigward tal-volum, il-valur, il-varjetà u l-veloċità tagħha, din id-data hija rilevanti ħafna għat-titjib tal-kapaċitajiet fil-mira ta' Meta (li qabel kienet Facebook) għas-servizzi ta' reklamar tal-wiri online li tipprovd. Filwaqt li Meta (li qabel kienet Facebook) jista' digħi jkollha aċċess għal ħafna jew mhux għal ħafna mit-tipi ta' *data* li tista' tikseb permezz tal-akkwist ta' Kustomer, il-Kummissjoni tqis li xorta jista' jkollha aċċess għal-ċerti tipi ġoddha ta' *data*.

(⁹) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Settembru 2018 fil-Każ M.8788 – Apple/Senazam, il-premessi 225-235.

(⁹) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2020 fil-Każ M.9660 – Google/Fitbit, il-premessi 403-413.

- (23) Il-Kummissjoni tqis li huwa improbabli li t-Tranżazzjoni se twassal għal żieda sinifikanti fl-ostakli għad-dħul u l-espansjoni fis-suq għas-servizzi ta' reklamar għall-wiri online jew kwalunkwe segment tagħhom billi d-daqs ta' Kustomer jagħmel żieda sinifikanti fid-data improbabli, anki jekk jitqiesu l-miri ta' tkabbir ta' Meta (li qabel kienet Facebook). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kompetituri fis-suq tas-servizzi ta' reklamar għall-wiri online jew kwalunkwe segment tagħhom xorta jkollhom aċċess għad-data mill-klijenti kummerċjali ta' Kustomer, jew inkella jistgħu jiksbu aċċess għal settijiet ta' data simili pereżempju permezz ta' sħubijiet ma' forniture oħra ta' software CRM.
- (24) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' reklamar għall-wiri online jew kwalunkwe segment tagħhom.

#### 4.3. Effetti ta' konglomerat

- 4.3.1. *Ingranaġġ tal-pożizzjoni ta' Meta (li qabel kienet Facebook) fis-suq tar-reklamar għall-wiri online fis-suq tas-CRM*
- (25) Il-Kummissjoni tqis li l-entità fuża ma jkollhiex il-kapaċità li tinvolvi ruħha fi strateġija ta' raggruppament ta' servizzi ta' reklamar għall-wiri online b'software CRM. Minkejja s-saħħa sinifikanti tas-suq ta' Meta (li qabel kienet Facebook) fir-reklamar tal-wiri online, dawn il-prodotti għandhom xejriet ta' xiri differenti. Fdan ir-rigward, l-investigazzjoni tas-suq indikat servizzi ta' software CRM u servizzi ta' reklamar għall-wiri online għandhom it-tendenza li jinxraw separatament u x'aktarx f'intervalli differenti ħafna, jiġifieri minħabba li x-xiri tagħhom jinvolvi proċeduri separati u differenti li normalment jiġu ttrattati minn dipartimenti differenti fl-istess klijent kummerċjali.
- (26) Billi l-Kummissjoni tqis li Meta (li qabel kienet Facebook) ma jkollhiex il-kapaċità li tiġib flimkien reklamar ta' wiri online ma' software CRM, il-kwistjoni dwar jekk Meta (li qabel kienet Facebook) jkollhiex l-inċentiv li tinvolvi ruħha ftali strateġija ta' rbit u jekk dan ikollux effett detrimentali fuq il-kompetizzjoni. Tista' titħalla miftuħa.
- (27) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li t-Tranżazzjoni ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva bħala riżultat tal-iggruppar tar-reklamar tal-wiri online u tas-software CRM, meta jitqies li Meta (li qabel kienet Facebook) ma jkollhiex il-kapaċità li tinvolvi ruħha ftali strateġija.

### 5. IMPENJI PPREŻENTATI MILL-PARTIJET

- (28) Biex jitneħħa t-tħassib dwar il-kompetizzjoni li jirriżulta mit-Tranżazzjoni, il-Parti Notifikanti ppreżentat impenji kemm fil-Fażi I kif ukoll fil-Fażi II.

#### 5.1. Impenji Inizjali

- (29) L-impenji Inizjali, offruti għal perjodu ta' ġames snin mill-għeluq tat-Tranżazzjoni, kienu jinkludu żewġ elementi ewlenin: (A) impenn ta' aċċess pubbliku għall-API, u (B) impenn ewlioni ta' parità fil-funzjoni tal-API.

##### 5.1.1. L-impenn tal-aċċess pubbliku għall-API

- (30) Permezz tal-impenn ta' aċċess pubbliku għall-API, Meta (li qabel kienet Facebook) impenjat ruħha li żżomm l-aċċess ta' servizzi ta' klijenti terzi u tappoġġa lill-fornituri tas-CRM b'bejgħ fiż-ŻEE lill-APIs tal-kanal ta' messaġġi B2C tagħha (kemm dawk eżistenti kif ukoll dawk futuri), fuq bażi mhux diskriminatorja, b'mod partikolari fir-rigward ta' (i) kriterji ta' eliġibbiltà, (ii) ipprezzar tal-aċċess tal-API, (iii) funzjonalità jew (iv) prestazzjoni meta mqabbla ma' utenti komparabbli oħra ta' dawk l-APIs.

##### 5.1.2. L-impenn ewlioni ta' parità fil-funzjoni tal-API

- (31) Permezz tal-impenn ewlioni ta' parità fil-funzjoni tal-API, Meta (li qabel kienet Facebook) impenjat ruħha li tiżgura li l-funzjonalitajiet ewlenin kollha tal-kanal ta' messaġġi B2C tal-API (u kull titnej fuq dawn il-funzjonalitajiet) magħmulu disponibbli għal Kustomer ikunu disponibbli wkoll fuq bażi ekwivalenti għal fornituri ta' servizzi ta' klijenti terzi u ta' appoġġ għall-fornituri tas-CRM, anki jekk tali funzjonalitajiet ma jkunux koperti mill-impenn pubbliku ta' aċċess għall-API. Dawn l-Impenji Inizjali ddefinixxew il-funzjonalitajiet li ġejjin tal-funzjonalitajiet tal-API tal-Messenger, tal-Instagram Messaging u tal-Pjattaformi tan-Negozju WhatsApp bħala l-funzjonalitajiet ewlenin tal-API tal-kanal ta' messaġġi B2C: jibgħat/jirċievi (i) messaġġi bbażati fuq it-test, (ii) hemżiet ta' immaġni, u (iii) links URL.

## 5.2. Impenji Finali

- (32) Wara t-test tas-suq, il-Parti Notifikanti pproponiet Impenji Finali li kien fihom diversi titjib sinifikanti meta mqabbla mal-Impenji Inizjali, b'mod partikolari dawn li ġejjin.
- (33) L-ewwel nett, it-tul ta' żmien żdied minn ħames għal 10 snin.
- (34) It-tieni, fir-rigward tal-impenn tal-aċċess pubbliku għall-API, l-Impenji Finali inkludew impenn ċar li Meta (li qabel kienet Facebook) ma tiċċārġjax servizzi tal-klijenti ta' terzi persuni u tappoġġa lill-fornituri tas-CRM għall-aċċess għall-APIs tal-kanali tal-messaġġi B2C tagħha, li kienu aċċessibbli mingħajr ħlas qabel it-Tranżazzjoni, filwaqt li tirriżerra d-dritt li titlob użu kummerċjalment rāgħonevoli jew tariffi bbażati fuq il-volum.
- (35) It-tielet, fir-rigward tal-impenn ewleni ta' parità tal-funzjonalità tal-API, l-Impenji Finali espandew b'mod sinifikanti l-lista tal-funzjonalitajiet ewlenin tal-kanal ta' messaġġi B2C tal-API, jiġifieri l-funzjonalitajiet API kollha tal-kanal ta' messaġġi B2C integrati qabel it-Tranżazzjoni tas-software CRM ta' Kustomer. L-Impenji Finali introduċew ukoll mekkaniżmu biex jiżdiedu funzjonalitajiet ġoddha mad-definizzjoni tal-funzjonalitajiet ewlenin tal-kanal tal-messaġġi B2C fil-futur, fuq il-bażi tal-użu (inkluż għall-ittejtjar) minn massa kritika tal-utenti kummerċjali tal-għoddha CRM ta' Kustomer.
- (36) Ir-raba' nett, l-Impenji Finali jistgħu jiġu invokati mhux biss mill-fornituri tas-CRM tas-CS ta' terza persuna li diġà għandhom bejħi fiziż-ŻEE iżda wkoll minn parteċipanti ġoddha sakemm huma jimmiraw b'mod attiv klijenti fiziż-ŻEE.

## 5.3. Il-valutazzjoni tal-impenji ppreżentati

- (37) Biex ikunu aċċettabbli, il-Kummissjoni tqis li l-impenji proposti jridu jkunu kapaċi li jrendu konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern billi jipprev jenu tfixkil sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fis-swieq rilevantti kollha fejn ġie identifikat tħassib dwar il-kompetizzjoni. F'dan il-każ, l-impenji meħtieġa biex jiġi eliminat it-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni, jiġifieri fir-rigward tas-suq downstream madwar iż-ŻEE, jekk mhux madwar id-dinja, għas-software CRM (jew segmenti potenzjali tiegħi).
- (38) Id-Deċiżjoni tikkonkludi li l-Impenji Finali jittrattaw il-kwistjonijiet dwar il-kompetizzjoni mqajma mit-Tranżazzjoni fl-intier tagħhom. Il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li l-Impenji Finali jistgħu jiġu implementati b'mod effettiv fi żmien qasir.

## 6. KONKLUŻJONI

Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, skont il-konformità mal-impenji mogħtija mill-Parti Notifikanti, it-Tranżazzjoni ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew fparti sostanziali minnu. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tiddikjara l-konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern, fkonformità mal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)

(Ippubblifikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (¹))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 417/07)

## Deċiżjoni li tagħti awtorizzazzjoni

Referenza tad-Deċiżjoni (¹)	Data tad-Deċiżjoni	Isem is-sustanza	Detentur(i) tal-awtorizzazzjoni	Numru tal-awtorizzazzjoni	Użu awtorizzat	Data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami	Raġunijiet għad-Deċiżjoni
C(2022) 7402	l-24 ta' Ottubru 2022	4-(1,1,3,3-tetra-metilbutil)fenol, etossilat (4-tert-OPnEO) Numru tal-KE: -, Nru tal-CAS:-	Swords Laboratories Unlimited Company, Cruiserath Road, Mulhuddart, D15H6EF Dublin 15, Co Dublin, l-Irlanda	REACH/22/38/0	Użu industrijali bħala aġent tensjoattiv fil-purifikazzjoni tal-mediċina bijofarmaċewtika Orencia, użata għat-trattament tal-artrite rewmatode, tal-artrite idjopatika ġuvenili u tal-artrite psorjatika adulta	l-4 ta' Jannar 2033	F'konformità mal-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċċoekonomiċi huma akbar mir-riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-użu tas-sustanza u ma hemm l-ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva adatta.

(¹) Id-deċiżjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: Awtorizzazzjoni (europa.eu).

(¹) ĠUL 396, 30.12.2006 , p. 1.

## Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2022/C 417/08)

Skont l-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (‘), in-Noti ta’ Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea (‘) huma emendati kif ġej:

Fil-pàgna 343, wara n-Nota ta' Spiegazzjoni tas-subintestatura 8479 40 00, tiddaħħal in-Nota ta' Spiegazzjoni li ġejja:

**“8479 89 70** Magni għat-tqegħid awtomatizzat ta’ komponenti elettroniċi ta’ tip użat biss jew  
prinċipalment għall-manifattura ta’ assemblaġġi ta’ ċirkwiti stampati

Din is-subintestatura tinkludi magni tal-assemblaġġ ta' bordijiet ta' ċirkwiti stampati għall-immuntar ta' komponenti attivi, passivi jew ta' konnessjoni fuq ċirkwiti stampati (magni 'pick-and-place'). Dawn il-komponenti jingħataw b'mod awtomatiku lill-magna fuq tapes (ċinturini). Il-magni jqiegħdu l-komponenti b'mod eżatt fil-postijiet intiżi u jimmuntawhom fuq iċ-ċirkwit stampat. Wara li l-komponenti jkunu mmuntati, jitwaħħlu fuq iċ-ċirkwit stampat pereżempju permezz ta' ssaldjar jew ta' twaħħil b'kuntatt. Apparti l-assemblaġġ ta' komponenti tas-semikonduttri, dawn il-magni huma wkoll kapaċi jaqbdū u jqiegħdu komponenti oħra fuq sottostrati";

u fin-Nota ta' Spjegazzjoni tas-subintestatura 8479 89 97, jitħassar il-punt 3.

Fil-paġna 357, titħassar in-Nota ta' Spjegazzjoni tas-subintestatura 8529 90 92.

<sup>(4)</sup> Ir-regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU C 119, 29.3.2019, p. 1.

## INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Avviż ta' informazzjoni tal-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE)  
Nrū 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-  
ajru fil-Komunità**

**Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward tas-servizzi tal-ajru skedati**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 417/09)

Stat Membru	Franza
Rotta kkonċernata	Rodez - Paris (Orly)
Data oriġinali tad-dħul fis-seħħi tal-obbligi tas-servizz pubbliku	L-1 ta' Ġunju 1997
Data tad-dħul fis-seħħi tal-modifikati	L-20 ta' Jannar 2024
Indirizz minn fejn jistgħu jinkisbu t-test u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligu tas-servizz pubbliku	<p>Arrêté du 20 septembre 2022 modifiant les obligations de service public imposées sur les services aériens réguliers entre Rodez et Paris (Orly) (Digriet tal-20 ta' Settembru 2022 li jemenda l-obbligi tas-servizz pubbliku imposti fuq is-servizzi tal-ajru skedati bejn Rodez u Pariġi (Orly))</p> <p>NOR : TREA2225691A  <a href="https://www.legifrance.gouv.fr">https://www.legifrance.gouv.fr</a>  Għal iktar informazzjoni kkuntattja lil:  Direction Générale de l'Aviation Civile  DTA/SDS1  50 rue Henry Farman  75 720 Pariġi Cedex 15  FRANZA  Tel. +33 158094321</p>

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Żvelar tal-partijiet materjali tad-deċiżjoni ta' falliment u dikjarazzjoni ta' insolvenza fir-rigward tal-assi ta' Sberbank CZ, a.s., flikwidazzjoni taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu

Stedina għal preżentazzjoni ta' talba — Termini li għandhom ikunu osservati

Stedina għal oppożizzjoni ta' talba — Termini li għandhom ikunu osservati

(2022/C 417/10)

**Identifikazzjoni tad-debitur:** Sberbank CZ, a.s., flikwidazzjoni, kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata inkorporata u eżistenti taħt il-liġi Ċeka, li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'U Trezorky 921/2, Jinonice, 158 00 Praga 5, Nru tal-ID: 25083325, imdaħħla fir-reġistru kummerċjali miżimum mill-Qorti Muniċipali ta' Praga, sezzjoni B, entrata 4353.

**Identifikazzjoni tal-qorti tal-insolvenza:** Il-Qorti Muniċipali ta' Praga, li għandha l-indirizz reġistrat tagħha fi Slezská 9, 120 00 Praga 2, ir-Repubblika Ċeka.

**Identifikazzjoni tal-likwidatur:** Jiřina Lužová, avukat, li għandha l-indirizz reġistrat tagħha f'Dušní 866/22, 110 00 Praga 1, ir-Repubblika Ċeka, Nru tal-ID: 44686650, e-mail: ak@akluzova.cz, numru tat-telefawn +420 222327902.

Fis-26 ta' Awwissu 2022, il-Qorti Muniċipali ta' Praga ħarġet id-deċiżjoni Nru MSPH 95 INS 12575/2022 - A-72, li, skont il-liġi Ċeka (l-Att Nru 182/2006 dwar il-falliment u l-proċeduri għall-immaniġġjar tiegħu ("l-Att dwar l-Insolvenza"), kif emendat):

- iddikjarat fallut lid-debitur Sberbank CZ, a.s., flikwidazzjoni, kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata inkorporata u eżistenti taħt il-liġi Ċeka, li għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha f'U Trezorky 921/2, Jinonice, 158 00 Praga 5, Nru tal-ID: 25083325, imdaħħla fir-reġistru kummerċjali miżimum mill-Qorti Muniċipali ta' Praga, sezzjoni B, reġistrazzjoni 4353 ("id-Debitur"); u
- Ddikjarat insolvenza fir-rigward tal-assi tad-Debitur ("id-Deċiżjoni").

Id-deċiżjoni ġatret ukoll lil Jiřina Lužová, avukat, li għandha l-indirizz reġistrat tagħha f'Dušní 866/22, 110 00 Praga 1, ir-Repubblika Ċeka, Nru tal-ID: 44686650, bħala likwidatur tad-Debitur.

Talbiet mill-kredituri kif murija fil-kontijiet tad-Debitur għandhom jitqesu li ġew ippreżentati. Il-kredituri jiġu notifikati individwalment b'dan il-fatt fi żmien 60 jum mid-dikjarazzjoni ta' insolvenza. L-iskadenza għal dan għandha tkun il-25 ta' Ottubru 2022.

Kreditur li ma jaqbilx mal-ammont jew in-natura tat-talba tiegħu jew tagħha kif stabbilit fin-notifika skont il-paragrafu preċċedenti jista' jippreżenta oġġezzjoni bil-miktub mal-likwidatur fi żmien erba' xhur mid-data tad-dikjarazzjoni ta' insolvenza; in-nuqqas li jsir dan għandu jimplika l-qbil tal-kreditur mal-kontenut tan-notifika. L-iskadenza għal dan għandha tkun is-26 ta' Diċembru 2022. Kreditur bl-indirizz reġistrat, l-uffiċċju, id-domiċilju jew il-post tas-soltu tar-residenza tiegħu jew tagħha fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea jista' jippreżenta

oġġezzjoni fil-lingwa uffiċjali ta' dak l-Istat. L-oġġezzjoni għandha tkun intitolata *Podání námitky proti výši pohledávky* [“Oġġezzjoni għall-ammont ta’ talba”] fiċ-Ċek. Jekk il-kontenut tal-oġġezzjoni jkun ċar għall-likwidatur, huwa għandu jqisu, anki jekk ma jkollux l-intestatura. Il-likwidatur m'għandux ikun obbligat li jieħu kont ta’ oġġezzjoni sussegwenti, sakemm ma jkunx ċar li din ġiet ikkunsinnata fil-ħin lill-awtorità responsabbli biex tinnotifikaha. Il-likwidatur jista’ jeħtieġ li kreditur jissottommetti traduzzjoni tal-oġġezzjoni għaċ-Ċek.

Fi żmien tliet xhur mill-publikazzjoni ta’ dan l-estratt tas-sentenza f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, kreditur jista’ jippreżenta oġġezzjoni fis-sens li ma jkunx irċieva notifika mingħand il-likwidatur skont it-TaqSIMA 373(2) tal-Att dwar l-Insolvenza. L-oġġezzjoni għandha tiddikjara l-ammont tat-talba kontra d-debitur fid-data tad-dikjarazzjoni ta’ insolvenza fir-rigward tal-assi tad-debitur. L-oġġezzjoni għandha tkun akkumpanjata minn kopji ċċertifikati uffiċjalment ta’ kwalunkwe dokumentazzjoni li tikkonferma l-ammont allegat, id-data tal-bidu u n-natura tat-talba, u b'mod partikolari jekk it-talba hijiex waħda kontra l-patrimonju tal-insolvenza (Sejjjoni 168 Att dwar l-Insolvenza), hijiex ekwivalenti għal waħda kontra l-patrimonju tal-insolvenza (TaqSIMA 169 Att dwar l-Insolvenza), hijiex talba b'intitolament għal sodisfazzjon minn garanzija kollaterali, hijiex pretensjoni garantita mod ieħor, jew hijiex pretensjoni sussidjarja (TaqSIMA 172(2) Att dwar l-Insolvenza), u għandha tiddikjara kwalunkwe riżerva ta’ titolu. Kreditur bl-indirizz reġistrat, l-uffiċċju, id-domiċċlu jew il-post tas-soltu tar-residenza tiegħi jew tagħha fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona Ekonomika Ewropea jista’ jippreżenta oġġezzjoni fil-lingwa uffiċjali ta’ dak l-Istat. L-oġġezzjoni għandha tkun intitolata *Přihláška pohledávky* [“Preżentazzjoni ta’ talba”] fiċ-Ċek. Jekk il-kontenut tal-oġġezzjoni jkun ċar għall-likwidatur, huwa għandu jqisu, anki jekk ma jkollux l-intestatura. Il-likwidatur m'għandux ikun obbligat li jieħu kont ta’ oġġezzjoni sussegwenti, sakemm ma jkunx ċar li din ġiet ikkunsinnata fil-ħin lill-awtorità responsabbli biex tinnotifikaha. Il-likwidatur jista’ jeħtieġ li kreditur jissottommetti traduzzjoni tal-oġġezzjoni għaċ-Ċek.

**Jiřina Lužová, avukat, likwidatur ta’ Sberbank CZ, flikwidazzjoni**

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.10934 – VINCI ENERGIES / KONTRON IT SERVICE COMPANIES)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2022/C 417/11)**

1. Fil-21 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- VINCI Energies S.A. (“VINCI Energies”, Franza), sussidjarja ta’ VINCI S.A. (Franza), il-kumpanija omm apikali tal-Grupp VINCI.
- tmienja mill-kumpaniji ta’ servizzi tal-IT ta’ Kontron AG, inklużi s-sussidjarji diretti u indiretti tagħhom (“kumpaniji ta’ servizzi tal-IT ta’ Kontron”): Amanox Solutions AG (l-İvvizzera), S&T Albania SH.p.k. (l-Albanija), S&T Serbia d.o.o. (is-Serbja), hamcos IT Service GmbH (il-Ġermanja), S&T Deutschland GmbH (il-Ġermanja), S&T Mold srl., (il-Moldova), CITYCOMP Service GmbH, (il-Ġermanja) u S&T CEE Holding s.r.o., (is-Slovakkja)

VINCI Energies se takkwista l-kontroll eskluziū tal-kumpaniji kollha ta’ servizzi tal-IT ta’ Kontron fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- VINCI hija organizzazzjoni diversifikata globali li hija attiva fil-qasam tal-konċessionijiet u tal-infrastruttura, tal-bini, tax-xogħlijiet pubbliċi, tal-inġinerija ċivili u tal-enerġija. Fi ħdan il-grupp VINCI, VINCI Energies hija attiva wkoll fil-qasam tas-servizzi tal-IT, permezz tal-linja ta’ ditta tagħha Axians. In-network ta’ kumpaniji Axians jipprovidi servizzi tal-IT, bħal infrastrutturi tal-cloud u ta’ ċentri tad-data, networks ta’ intrapriżi, spazju ta’ ħidma diġitali, applikazzjonijiet tan-negożju, analitika tad-data u ċibersigurtà.
- Il-kumpaniji ta’ servizzi tal-IT Kontron huma attivi fl-offerta ta’ servizzi ta’ konsulenzo dwar infrastruttura tal-IT, bħal ċentri tad-data u servizzi ta’ cloud u l-kunċettwazzjoni ta’ kunċetti ta’ network u tas-sigurta tal-IT imfassla għal infrastrutturi fuq il-post u cloud. Il-kumpaniji ta’ servizzi tal-IT Kontron joffru wkoll l-implementationi, l-integrazzjoni u l-forniment ta’ infrastruttura tal-IT u ta’ applikazzjonijiet tas-software.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.109 34 – VINCI ENERGIES/KONTRON IT SERVICE COMPANIES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Fax +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni  
(Il-Każ M.10960 – EPPE / PZEM SUBSIDIARIES)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 417/12)

1. Fl-20 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ricevet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- EP Power Europe, a.s. ("EPPE", ir-Repubblika Ċeka), li tappartjeni għall-Grupp EPH (ir-Repubblika Ċeka),
- PZEM Energy Company B.V. ("PEC") u s-sussidjarji tagħha (a) Sloe Centrale Holding B.V. ("SCH"), (b) Sloe Centrale B.V. ("SCBV") u (c) PZEM Tolling Sloe B.V. ("PZEM TOLLING"), u PZEM Pipe B.V. ("PZEM PIPE") (kollha fin-Netherlands), kemm proprjetà esklużiva u kkontrollata minn PZEM Ficus kif ukoll (ii) proprjetà konġunta u kkontrollata minn PZEM Ficus u EDF International.

EPPE takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' PEC, SCH, SCBV, PZEM TOLLING u PZEM PIPE.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- EPPE (ir-Repubblika Ċeka) tappartjeni għall-Grupp EPH. Il-Grupp EPH huwa utilità tal-enerġija integrata vertikalment b'diversi attivitajiet li jinkludu l-estrazzjoni tal-linjite, il-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-elettriku u tas-sħana kif ukoll it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni, il-ħażin u l-provvista tal-gass,
- PZEM Energy Company B.V. ("PEC") u s-sussidjarji tagħha (a) Sloe Centrale Holding B.V. ("SCH"), (b) Sloe Centrale B.V. ("SCBV") u (c) PZEM Tolling Sloe B.V. ("PZEM TOLLING"), u PZEM Pipe B.V. ("PZEM PIPE") (kollha fin-Netherlands) huma attivi fis-settur tal-enerġija u tal-gass.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spesifikata:

M.10960 – EPPE / PZEM SUBSIDIARIES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

**RETTIFIKA**

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Awwissu 2011 li tistabbilixxi Grupp Espert tas-Suq tas-Sistemi tal-ħlasijiet**

(*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea C 253 tat-30 ta' Awwissu 2011*)

(2022/C 417/13)

It-titolu:

*minflok:* “Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Awwissu 2011 li tistabbilixxi Grupp Espert tas-Suq tas-Sistemi tal-ħlasijiet”,

*aqra:* “Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Awwissu 2011 li tistabbilixxi Grupp Espert tas-Suq tas-Sistemi ta' Pagamenti”.

Fit-test kollu:

*minflok:* “sistemi tal-ħlasijiet”,

*aqra:* “sistemi ta' pagament”.

F'paġna 3, fil-premessa 1, fl-ewwel sentenza, fil-premessa 2, fl-ewwel sentenza u fil-premessa 4, fl-aħħar sentenza, f'paġna 4, fl-Artikolu 4(2), fil-punt (a) u fl-Artikolu 4(4), fl-ewwel sentenza:

*minflok:* “servizzi tal-ħlasijiet”,

*aqra:* “servizzi ta' pagament”.

F'paġna 3, fl-Artikolu 2(1), f'paġna 4, fl-Artikolu 3, fl-Artikolu 4(2), il-punt (b) u fl-Artikolu 4(4), fl-ewwel sentenza:

*minflok:* “utenti tal-ħlasijiet”,

*aqra:* “utenti tal-pagamenti”.

F'paġna 4, fl-Artikolu 4(2), fil-punt (c), fl-Artikolu 4(3), fl-aħħar sentenza, u fl-Artikolu 4(4), fl-ewwel sentenza:

*minflok:* “frodi tal-ħlasijiet”,

*aqra:* “frodi fil-pagamenti”.

F'paġna 4, fl-Artikolu 4(3):

*minflok:* “3. Il-membri għandhom jirrapreżentaw fi proporzjonijiet bilanċjati lill-industrija tas-servizzi tal-ħlasijiet u lill-utenti tas-servizzi tal-ħlasijiet. Tal-anqas ħmistax-il membru tal-Grupp għandhom jirrapreżentaw utenti ta' servizzi tal-ħlasijiet, li sebġha minnhom għandhom jirrapreżentaw lill-konsumaturi. Tal-anqas ħmistax mill-membri tal-Grupp għandhom jirrapreżentaw lill-industrija tas-servizzi tal-ħlasijiet. Akkademiċi u membri ta' korpi privati involuti fil-prevenzjoni ta' frodi tal-ħlasijiet għandhom ikunu rrappreżentati wkoll fil-Grupp.”,

*aqra:*

“3. Il-membri għandhom jirrapreżentaw fi proporzjonijiet bilanċjati lill-industrija tas-servizzi ta’ pagament u lill-utenti tas-servizzi ta’ pagament. Tal-anqas ħmistax-il membru tal-Grupp għandhom jirrapreżentaw utenti ta’ servizzi ta’ pagament, li sebgħa minnhom għandhom jirrapreżentaw lill-konsumaturi. Tal-anqas ħmistax mill-membri tal-Grupp għandhom jirrapreżentaw lill-industrija tas-servizzi ta’ pagament. Akkademiċi u membri ta’ korpi privati involuti fil-prevenzjoni ta’ frodi fil-pagamenti għandhom ikunu rrappreżentati wkoll fil-Grupp.”.

F'paġna 4, fl-Artikolu 4(4), l-ewwel sentenza:

*minflok:* “sistemi ta’ ħlasijiet”,

*aqra:* “sistemi ta’ pagament”.

---



ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea  
L-2985 il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

MT